REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1898

tal-20 ta' Lulju 2021

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għall-użu tad-dominju tal-istatistika dwar it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2022

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex ikunu koperti l-ħtiġijiet fl-istatistika għas-suġġetti dettaljati rilevanti stipulati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1700, il-Kummissjoni jenħtieġ tispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għas-sett tad-*data* fl-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2022.

(2) Jenħtieġ li l-għadd ta' varjabbli li jridu jinġabru f'konformità ma' dan ir-Regolament ma jkunx jaqbeż b'aktar minn 5 % lill-għadd ta' varjabbli miġbura għall-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, fil-mument meta jkun daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2019/1700,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-għadd u t-titoli tal-varjabbli għall-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2022 għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 261 I, 14.10.2019, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Lulju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-għadd u t-titoli tal-varjabbli għall-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2022

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Titolu tal-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
0.1. Elementi Tekniċi – 15-il varjabbli tekniku obbligatorju, – 2 varjabbli tekniċi fakultattivi	Informazzjoni dwar il-ġbir tad-data	REFYEAR	Sena tal-istħarriġ
	Informazzjoni dwar il-ġbir tad-data	INTDATE	Data ta' referenza – l-ewwel data tal-intervista
	Informazzjoni dwar il-ġbir tad-data	STRATUM_ID	Strat
	Informazzjoni dwar il-ġbir tad-data	PSU	Unità primarja tal-kampjunar
	Identifikazzjoni	HH_ID	ID tal-unità domestika
	Identifikazzjoni	IND_ID	ID tal-individwu
	Identifikazzjoni	HH_REF_ID	ID tal-unità domestika li jappartjeni għaliha l-individwu
	Ponderazzjonijiet	HH_WGHT	Ponderazzjoni tal-unità domestika
	Ponderazzjonijiet	IND_WGHT	Ponderazzjoni tal-individwu
	Karatteristiċi tal-intervista	~~H~~IN	Tul tal-intervista
	Karatteristiċi tal-intervista	INT_TYPE	Tip ta' intervista
	Lokalizzazzjoni	PAJJIŻ	Pajjiż tar-residenza
	Lokalizzazzjoni	GEO_NUTS1	Reġjun tar-residenza
	Lokalizzazzjoni	GEO_NUTS2 (fakultattiva)	Reġjun tar-residenza (fakultattiva)
	Lokalizzazzjoni	GEO_NUTS3 (fakultattiva)	Reġjun tar-residenza (fakultattiva)
	Lokalizzazzjoni	DEG_URBA	Grad ta' urbanizzazzjoni
	Lokalizzazzjoni	GEO_DEV	Post ġeografiku

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Titolu tal-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
02.Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika *– 7 varjabbli miġbura,* *– varjabbli derivat wieħed (1), – 7 varjabbli fakultattivi*	Demografija	ĠENERU	Ġeneru
	Demografija	YEARBIR	Sena tat-twelid
	Demografija	PASSBIR	L-aħħar għeluq is-snin
	Demografija	tal-età	Età fi snin magħluqa
	Ċittadinanza u sfond migratorju	IĊ-ĊITTADINANZA	Pajjiż taċ-ċittadinanza prinċipali
	Ċittadinanza u sfond migratorju	CNTRYB	Pajjiż tat-twelid
	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_POP	Daqs tal-unità domestika (l-għadd ta' membri fl-unità domestika)
	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_POP_16_24 (fakultattiva)	Għadd ta' membri tal-unità domestika li għandhom bejn 16 u 24 sena (fakultattiva)
	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_POP_16_24S (fakultattiva)	Għadd ta' studenti fl-unità domestika li għandhom bejn is-16 u l-24 sena (fakultattiva)
	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_POP_25_64 (fakultattiva)	Għadd ta' membri fl-unità domestika li għandhom bejn il-25 u l-64 sena
	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_POP_65_MAX (fakultattiva)	Għadd ta' membri fl-unità domestika li għandhom 65 sena jew aktar (fakultattiva)
	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_CHILD	Għadd ta' tfal iżgħar minn 16-il sena
	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_CHILD_14_15 (fakultattiva)	Għadd ta' tfal fl-unità domestika li għandhom bejn l-14 u l-15-il sena (fakultattiva)
	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_CHILD_5_13 (fakultattiva)	Għadd ta' tfal li għandhom bejn il-5 u t-13-il sena
	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_CHILD_LE_4 (fakultattiva)	Għadd ta' tfal fl-unità domestika li għandhom 4 snin jew aktar (fakultattiva)
03.Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol *– 5 varjabbli miġbura,* *– 3 varjabbli fakultattivi*	Status tal-attività ewlenija (awtodefinizzjoni)	MAINSTATUS	Status tal-attività ewlenija (awtodefinizzjoni)
	Karatteristiċi elementari tal-impjieg	STAPRO	Status tal-impjieg fil-każ tal-impjieg ewlieni
	Karatteristiċi elementari tal-impjieg	NACE1D (fakultattiva)	Attività ekonomika tal-unità lokali għall-impjieg ewlieni (fakultattiva)
	Karatteristiċi elementari tal-impjieg	ISCO2D	Okkupazzjoni tal-impjieg ewlieni

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Titolu tal-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Karatteristiċi elementari tal-impjieg	OCC_ICT	Professjonist tal-ICT jew professjonist mhux tal-ICT
	Karatteristiċi elementari tal-impjieg	OCC_MAN	Ħaddiem tal-id jew ħaddiem mhux tal-id
	Karatteristiċi elementari tal-impjieg	EMPST_WKT (fakultattiva)	Impjieg ewlieni full-time jew part-time (awtodefinit) (fakultattiva)
	Tul tal-kuntratt	EMPST_CONTR (fakultattiva)	Permanenza tal-impjieg ewlieni (fakultattiva)
04.Livell edukattiv milħuq u l-kuntest *– 1 varjabbli miġbur,* *– 1 varjabbli derivat,*	Livell edukattiv miksub	ISCEDD	Livell edukattiv miksub (l-ogħla livell edukattiv mitmum b'suċċess)
	Livell edukattiv miksub	ISCED	Livell edukattiv miksub aggregat
5. Is-saħħa: status u diżabbiltà, aċċess għall-kura tas-saħħa, disponibbiltà u użu tal-kura tas-saħħa u determinanti tas-saħħa *– 1 varjabbli miġbur,*	Elementi tal-Modulu Minimu tas-Saħħa fl-Ewropa	GALI	Limitazzjoni fl-attivitajiet minħabba problemi tas-saħħa
06. Introjtu, konsum u elementi tal-ġid, inkluż id-djun *– 1 varjabbli miġbur,*	Introjtu totali fix-xahar tal-unità domestika	HH_IQ5	Introjtu attwali nett totali medju fix-xahar
07. Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni *– 119 varjabbli miġbura,* *– 3 varjabbli derivati,* *– 14-il varjabbli fakultattivi*	Aċċess għall-ICT	IACC	Aċċess tal-unità domestika għall-Internet mid-dar (bi kwalunkwe apparat)
	Użu u frekwenza tal-użu tal-ICT	IU	L-aktar użu riċenti tal-Internet, fi kwalunkwe post, bi kwalunkwe apparat xieraq
	Użu u frekwenza tal-użu tal-ICT	IFUS	Frekwenza medja tal-użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur
	Attivitajiet tal-Internet	IUEM	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex jintbagħtu u jaslu l-emails
	Attivitajiet tal-Internet	IUPH1	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex isiru telefonati (inkluż telefonati awdjoviżivi) fuq l-Internet
	Attivitajiet tal-Internet	IUSNET	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati ta' parteċipazzjoni f'networks soċjali (il-ħolqien ta' profil tal-utent, it-tqegħid ta' messaġġi jew kontributi oħra)

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Titolu tal-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Attivitajiet tal-Internet	IUCHAT1	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex jintbagħtu u jaslu l-emails (skambju ta' messaġġi)
	Attivitajiet tal-Internet	IUIF	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex titfittex informazzjoni dwar oġġetti jew servizzi
	Attivitajiet tal-Internet	IUNW1	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex jinqraw l-aħbarijiet fuq siti web apposta, il-gazzetti jew ir-rivisti tal-aħbarijiet online
	Attivitajiet tal-Internet	IUPOL2	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex jiġu espressi opinjonijiet dwar kwistjonijiet ċiviċi jew politiċi fuq is-siti web jew il-midja soċjali
	Attivitajiet tal-Internet	IUVOTE	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati ta' parteċipazzjoni f'konsultazzjonijiet jew votazzjonijiet online biex jiġu definiti kwistjonijiet ċiviċi jew politiċi (bħall-ippjanar urban, l-iffirmar ta' xi petizzjoni)
	Attivitajiet tal-Internet	IUMUSS1	Użu tal-Internet f'dawn l-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex wieħed jisma'-mużika (eż. ir-radju fuq il-web, l-istreaming tal-mużika) jew it-tniżżil ta' mużika
	Attivitajiet tal-Internet	IUSTV	Użu tal-Internet f'dawn l-aħħar 3 xhur għal skop privat biex wieħed jara TV imxandar bl-Internet (dirett jew ripetizzjoni) minn xandara tat-televiżjoni (bħal [eżempji nazzjonali])
	Attivitajiet tal-Internet	IUVOD	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex tara Filmati on Demand minn servizzi kummerċjali
	Attivitajiet tal-Internet	IUVSS	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex tara kontenut iffilmjat minn servizzi ta' kondiviżjoni
	Attivitajiet tal-Internet	IUPDG	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex jintlagħbu jew jitniżżlu logħabiet
	Attivitajiet tal-Internet	IUPCAST (fakultattiva)	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex tisma' podcasts jew tniżżel podcasts (fakultattiva)
	Attivitajiet tal-Internet	IHIF	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati ta' tiftix tal-informazzjoni marbuta mas-saħħa (eżempju fuq korrimenti, mard, nutrizzjoni, titjib tas-saħħa)
	Attivitajiet tal-Internet	IUMAPP	L-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar 3 xhur għal skopijiet privati għall-iffissar ta' appuntament mat-tabib permezz ta' sit tal-Internet jew app (bħalama hu ta' sptar jew ta' ċentru tal-kura tas-saħħa)

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Titolu tal-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Attivitajiet tal-Internet	IUAPR	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex jiġu aċċessati rekords tas-saħħa personali online
	Attivitajiet tal-Internet	IUOHC	Użu tal-Internet f'dawn l-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex wieħed juża servizzi tas-saħħa oħra permezz ta' sit web jew app minflok ma jkollu jmur l-isptar jew iżur it-tabib (bħal biex jikseb riċetta jew konsultazzjoni online)
	Attivitajiet tal-Internet	IUSELL	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati ta' bejgħ ta' oġġetti jew ta' servizzi fuq sit web jew b'app
	Attivitajiet tal-Internet	IUBK	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex tuża servizzi bankarji fuq l-Internet (inkluż l-ibbankjar bil-mowbajl)
	Attivitajiet tal-Internet	IUOLC	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur biex isiru attivitajiet tat-tagħlim għal finijiet edukattivi, professjonali jew privati, permezz ta' kors online
	Attivitajiet tal-Internet	IUOLM	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur biex isiru attivitajiet tat-tagħlim għal finijiet edukattivi, professjonali jew privati, permezz ta' materjal tat-tagħlim disponibbli online (bħal lezzjonijiet b'filmati, webinars, kotba tat-tagħlim elettroniċi, apps jew pjattaformi tat-tagħlim)
	Attivitajiet tal-Internet	IUOCIS1	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur biex isiru attivitajiet tat-tagħlim għal finijiet edukattivi, professjonali jew privati, permezz ta' komunikazzjoni mal-għalliema jew mal-istudenti b'għodod online tal-awdjo jew tal-vidjo
	Attivitajiet tal-Internet	IUOFE	Attivitajiet ta' tagħlim li r-rispondent ipparteċipa fihom, f'dawn l-aħħar 3 xhur, għall-edukazzjoni formali (eż. skola jew università)
	Attivitajiet tal-Internet	IUOW	Attivitajiet ta' tagħlim li r-rispondent ipparteċipa fihom, f'dawn l-aħħar 3 xhur, għal għanijiet professjonali/konnessi max-xogħol
	Attivitajiet tal-Internet	IUOPP	Attivitajiet ta' tagħlim li r-rispondent ipparteċipa fihom, f'dawn l-aħħar 3 xhur, għal għanijiet privati
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVIP	Attivitajiet permezz ta' sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat f'dawn l-aħħar 12-il xahar li jikkonsistu f'li r-rispondent ikollu aċċess għal informazzjoni dwaru stess maħżuna mill-awtoritajiet pubbliċi jew mis-servizzi pubbliċi

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Titolu tal-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVIDB	Attivitajiet permezz ta' sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat f'dawn l-aħħar 12-il xahar li jikkonsistu f'aċċess mir-rispondent għal informazzjoni minn bażijiet ta' *data* jew reġistri pubbliċi (bħal informazzjoni dwar id-disponibbiltà ta' kotba f'libreriji pubbliċi, reġistri katastali, reġistri tal-intrapriżi)
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOV12IF	Attivitajiet permezz ta' sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat f'dawn l-aħħar 12-il xahar li jikkonsistu f'li r-rispondent jakkwista informazzjoni (eż. dwar serivizzi, benefiċċji, intitolamenti, liġijiet, ħinijiet tal-ftuħ)
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVIX	Ir-rispondent ma aċċessax rekords personali jew bażijiet tad-*data* u lanqas ma akkwista xi informazzjoni permezz ta' sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOV12FM	Tniżżil/stampar ta' formoli uffiċjali mir-rispondent minn sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVAPR	Appuntament jew prenotazzjoni mir-rispondent permezz ta' sit web jew app ma' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi (bħal prenotazzjoni ta' ktieb f'librerija pubblika, appuntament ma' impjegat tal-gvern jew fornitur tal-kura tas-saħħa tal-istat) għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVPOST (Fakultattiva)	Ir-riċeviment mir-rispondent ta' kwalunkwe komunikazzjoni uffiċjali jew dokumenti mibgħuta mill-awtoritajiet pubbliċi permezz tal-kont tar-rispondent fuq sit web jew applikazzjoni (isem is-servizz, jekk applikabbli fil-pajjiż) ta' awtoritajiet jew servizzi pubbliċi (bħal notifiki ta' multi jew fatturi, ittri; notifika ta' taħrika tal-qorti, dokumenti tal-qorti, [eżempji nazzjonali]) għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar? L-użu ta' messaġġi ta' informazzjoni jew notifiki bbażati fuq posta elettronika jew SMS li dokument huwa disponibbli għandu jiġi eskluż. (fakultattiv)
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVTAX1	Sottomissjoni tad-dikjarazzjoni tat-taxxa tar-rispondent innifsu permezz ta' sit web jew b'app għal skop privat fl-aħħar 12 xhur
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVODC	Attivitajiet permezz ta' sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar li jikkonsistu f'talba mir-rispondent għal dokumenti jew ċertifikati uffiċjali (bħal gradwazzjoni, twelid, żwieġ, divorzju, mewt, ċertifikati ta' residenza, rekords tal-pulizija jew kriminali, [eżempji nazzjonali])

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Titolu tal-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVBE	Attivitajiet permezz ta' sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar li jikkonsistu f'talba mir-rispondent għal benefiċċji jew intitolamenti (bħal pensjoni, qagħad, allowance tat-tfal, applikazzjoni għal dħul fi skejjel, universitajiet, [eżempji nazzjonali])
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVRCC	Attivitajiet permezz ta' sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar li jikkonsistu f'talbiet, talbiet jew ilmenti oħra mir-rispondent (bħar-rapportar ta' serq lill-pulizija, it-tnedija ta' lment legali, it-talba għal għajnuna legali, il-bidu ta' proċedura ċivili ta' talba quddiem qorti, [eżempji nazzjonali])
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IRGOVNN	Raġunijiet għaliex ma talabx dokumenti uffiċjali jew ma għamel l-ebda pretensjoni permezz ta' sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi fl-aħħar 12-il xahar — ir-rispondent ma kellux għalfejn jitlob dokumenti jew jagħmel xi pretensjoni
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IRGOVLS	Raġunijiet għaliex ma talabx dokumenti uffiċjali jew ma għamel l-ebda pretensjoni permezz ta' sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi fl-aħħar 12-il xahar — nuqqas ta' ħiliet jew għarfien (eż. ir-rispondent ma kienx jaf juża s-sit web jew l-app jew din kienet kumplikata wisq biex jużaha)
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IRGOVSEC	Raġunijiet għaliex ma talabx dokumenti uffiċjali jew ma għamel l-ebda pretensjoni permezz ta' sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi fl-aħħar 12-il xahar — tħassib dwar is-sikurezza tad-data personali jew nuqqas ta' volontà li jħallas online (frodi tal-karta tal-kreditu)
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IRGOVEID (Fakultattiva)	Raġunijiet għaliex ma talabx dokumenti uffiċjali jew ma għamel l-ebda pretensjoni permezz ta' sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi fl-aħħar 12-il xahar — ma kellux firma elettronika, ma kellux identifikazzjoni elettronika (eID) jew kwalunkwe għodda oħra biex juża l-eID (li hi meħtieġa biex jintuża s-servizz) [eżempji nazzjonali] (fakultattiva)
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IRGOVOP	Raġunijiet għaliex ma talabx dokumenti uffiċjali jew ma għamel l-ebda pretensjoni permezz ta' sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi fl-aħħar 12-il xahar — xi ħadd ieħor għamilha f'isem ir-rispondent (eż. konsulent, qarib)

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Titolu tal-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IRGOVOTH	Raġunijiet għaliex ma talabx dokumenti uffiċjali jew ma għamel l-ebda pretensjoni permezz ta' sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi fl-aħħar 12-il xahar — xi raġuni oħra
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVANYS	Ir-rispondent interaġixxa mal-awtoritajiet pubbliċi
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IIGOVDU	Kwistjonijiet meta tuża sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi f'dawn l-aħħar 12-il xahar – is-sit web jew l-app kien diffiċli biex tużah (eż. ma kienx faċli għall-utent, il-formulazzjoni ma kinitx ċara, il-proċedura ma ġietx spjegata tajjeb)
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IIGOVTP	Kwistjonijiet meta tuża sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi f'dawn l-aħħar 12-il xahar – problemi tekniċi esperjenzati fl-użu tas-sit web jew tal-app (eż. illowdjar li ħa wisq ħin, ikkraxxjar tas-sit web)
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IIGOVEID (Fakultattiva)	Kwistjonijiet meta tuża sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi f'dawn l-aħħar 12-il xahar – problemi fl-użu tal-firma elettronika jew l-identifikazzjoni elettronika (eID) (fakultattiva)
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IIGOVPAY (Fakultattiva)	Kwistjonijiet meta tuża sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi fl-aħħar 12-il xahar — ir-rispondent ma setax iħallas permezz tas-sit web jew l-app (eż. minħabba nuqqas ta' aċċess għall-metodi ta' pagament meħtieġa) (fakultattiva
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IIGOVMOB	Kwistjonijiet meta tuża sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi fl-aħħar 12-il xahar — ir-rispondent ma setax jaċċessa s-servizz fuq smartphone jew tablet (eż. verżjoni mhix kompatibbli mal-apparat jew applikazzjonijiet mhux disponibbli (fakultattiva)
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IIGOVOTH	Kwistjonijiet meta tuża sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi f'dawn l-aħħar 12-il xahar – kwistjoni oħra
	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IIGOVX	Ir-rispondent ma ħabbat wiċċu ma' ebda kwistjoni meta uża sit web jew applikazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi fl-aħħar 12-il xahar

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Titolu tal-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Kummerċ-e	IBUY	L-aħħar xiri jew ordni ta' oġġetti jew servizzi mill-Internet għal użu privat
	Kummerċ-e	BCLOT1	Użu tal-Internet għal xiri ta' ħwejjeġ (inklużi ħwejjeġ tal-isport), żraben jew aċċerssorji (bħal basktijiet, ġojelli) minn intrapriżi jew persuni privati (inklużi oġġetti użati) permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BSPG	Użu tal-Internet għal xiri ta' ħwejjeġ (għajr ħwejjeġ tal-isport) minn intrapriżi jew persuni privati (inklużi oġġetti użati) permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BCG	Użu tal-Internet għal xiri ta' ġugarelli tat-tfal jew affarijiet tal-kura tat-tfal (bħal ħrieqi, fliexken, pushchairs) minn intrapriżi jew persuni privati (inklużi oġġetti użati) permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BFURN1	Użu tal-Internet għal xiri ta' għamara, aċċessorji tad-dar (bħal twapet jew purtieri) jew prodotti għall-ġnien (bħal għodod, pjanti) minn intrapriżi jew persuni privati (inklużi oġġetti użati) permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BMUSG	Użu tal-Internet għal xiri ta' mużika bħal Cds, vinyls, eċċ. minn intrapriżi jew persuni privati (inklużi oġġetti użati) permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BFLMG	Użu tal-Internet għal xiri ta' DVDs, Blu-ray, eċċ. minn intrapriżi jew persuni privati (inklużi oġġetti użati) permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BBOOKNLG	Użu tal-Internet għal xiri ta' kotba, rivisti jew gazzetti stampati minn intrapriżi jew persuni privati (inklużi oġġetti użati) permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BHARD1	Użu tal-Internet għal xiri ta' kompjuters, tablets, mowbajls jew aċċessorji minn intrapriżi jew persuni privati (inklużi oġġetti użati) permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BEEQU1	Użu tal-Internet għal xiri ta' oġġetti elettroniċi tal-konsumaturi (bħal settijiet tat-TV, sterjos, kameras, sound bars jew smart speakers, assistenti virtwali) jew magni tad-dar (bħal magni tal-ħasil) minn intrapriżi jew persuni privati (inklużi oġġetti użati) permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Titolu tal-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Kummerċ-e	BMED1	Użu tal-Internet għal xiri ta' mediċini jew supplimenti tal-ikel bħal vitamini (għajr rinnovament online tar-riċetti tat-tabib) minn intrapriżi jew persuni privati (inklużi oġġetti użati) permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BFDR	Użu tal-Internet għal xiri ta' ikel imwassal id-dar minn ristoranti, ħwienet tal-fast food, servizzi tal-ikel minn intrapriżi jew persuni privati (inklużi oġġetti użati) permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BFDS	Użu tal-Internet għal xiri ta' ikel jew xorb minn ħwienet jew fornituri tal-meal kits minn intrapriżi jew persuni privati (inklużi oġġetti użati) permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BCBW	Użu tal-Internet għal xiri ta' kożmetiċi, prodotti tas-sbuħija jew tal-benessri minn intrapriżi jew persuni privati (inklużi oġġetti użati) permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BCPH	Użu tal-Internet għal xiri ta' prodotti tat-tindif jew tal-iġjene personali (bħal xkupilji tas-snien, imkatar, deterġenti tal-ħasil, biċċiet tat-tindif) minn intrapriżi jew persuni privati (inklużi oġġetti użati) permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BBMC	Użu tal-Internet għal xiri ta' roti, mopeds, karozzi jew vetturi oħra u l-ispare parts tagħhom minn intrapriżi jew persuni privati (inklużi oġġetti użati) permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BOPG	Użu tal-Internet għal xiri ta'oġġetti fiżiċi oħra minn intrapriżi jew persuni privati (inklużi oġġetti użati) permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BPG_ANY	Użu tal-Internet għal xiri ta' kwalunwe oġġetti fiżiċi elenkati minn intrapriżi jew persuni privati (inklużi oġġetti użati) permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BPG_DOM	Użu tal-Internet għax-xiri ta' oġġetti permezz ta' sit web jew app f'dawn l-aħħar 3 xhur minn bejjiegħa nazzjonali (minn intrapriżi jew persuni privati)
	Kummerċ-e	BPG_EU	Użu tal-Internet għax-xiri ta' oġġetti permezz ta' sit web jew app f'dawn l-aħħar 3 xhur minn bejjiegħa minn pajjiżi oħra tal-UE (minn intrapriżi jew persuni privati)

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Titolu tal-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Kummerċ-e	BPG_WRLD	Użu tal-Internet għax-xiri ta' oġġetti permezz ta' sit web jew app f'dawn l-aħħar 3 xhur minn bejjiegħa minn pajjiżi oħra fil-bqija ta-dinja (minn intrapriżi jew persuni privati)
	Kummerċ-e	BPG_UNK	Użu tal-Internet għax-xiri ta' oġġetti permezz ta' sit web jew app f'dawn l-aħħar 3 xhur minn bejjiegħa minn pajjiżi tal-oriġini li mhux magħruf (minn intrapriżi jew persuni privati)
	Kummerċ-e	BPG_PP	Oġġett mixtrija minn persuni privati permezz ta' sit web jew app
	Kummerċ-e	BMUSS	Użu tal-Internet għal xiri jew abbonament f'servizzi tal-istreaming jew tniżżil mill-Internet permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BFLMS	Użu tal-Internet għal xiri jew abbonament f'servizzi tal-istreaming ta' films jew serje televiżivi jew tniżżil mill-Internet ta' dawn permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BBOOKNLS	Użu tal-Internet għal xiri jew abbonament f'kotba elettroniċi, rivisti online jew gazzetti online permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BGAMES	Użu tal-Internet għal xiri jew abbonament f'logħob online jew bħala downloads għal smartphones, tablets, kompjuters jew consoles permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BSOFTS	Użu tal-Internet għal xiri jew abbonament f'software tal-konpjuters jew servizzi oħra ta' software bħala downloads permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BHLFTS	Użu tal-Internet għal xiri jew abbonament f'apps relatati mas-saħħa u l-fitness (għajr apps bla ħlas) permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BAPP	Użu tal-Internet għal xiri jew abbonament f'apps oħraujn (bħal apps marbuta mat-tagħlim tal-lingwi, l-ivvjaġġar, it-temp) (għajr apps bla ħlas) permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BSTICK	Użu tal-Internet għal xiri ta' biljetti għal avvenimenti sportivi permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BCTICK	Użu tal-Internet għal xiri ta' biljetti għal avvenimenti kulturali jew ta' xort'oħra (bħal biljetti taċ-ċinema, ta' kunċerti, ta' fieri) permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Titolu tal-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Kummerċ-e	BSIMC	Użu tal-Internet għal xiri ta' abbonamenti ta' konnessjonijiet tal-Internet jew tal-mowbajl permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BSUTIL	Użu tal-Internet għal xiri ta' abbonamenti tal-provvista tad-dawl, l-ilma jew it-tiskin, il-ġbir tal-iskart jew servizzi simili permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BHHS	Użu tal-Internet għal xiri ta' servizzi tad-dar (bħal tindif, babysitting, manutenenzjoni, ġardinaġġ) (anke meta mixtrija minngħand persuni privati) permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BHHS_PP	Użu tal-Internet għal xiri ta'servizzi tad-dar minn persuni privati permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BTPS_E	Użu tal-Internet għal xiri ta' servizzi tat-trasport minn intrepriża tat-trasport, bħal xarabank lokali, titjira jew biljett tal-ferrovija jew vjaġġ b'taxi permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BTPS_PP	Użu tal-Internet għal xiri ta'servizzi tat-trasport minn persuna privata permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BRA_E	Użu tal-Internet għall-kiri ta' akkomodazzjoni minn intrapriżi bħal lukandi jew aġenziji tal-ivvjaġġar permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BRA_PP	Użu tal-Internet għall-kiri ta' akkomodazzjoni minn persuna privata permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BOTS (fakultattiva)	Użu tal-Internet għal xiri kwalunkwe servizzi oħrajn (għajr servizzi finanzjarji jew tal-assigurazzjoni) permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur (fakultattiva)
	Kummerċ-e	BFIN_IN1	Użu tal-Internet għal xiri ta' polzi tal-assigurazzjoni, inkluża l-assigurazzjoni fuq l-ivvjaġġar, anke jew f'pakkett flimkien ma' ngħidu aħna biljett tal-ajru, permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur
	Kummerċ-e	BFIN_CR1	Użu tal-Internet għal self jew mortgage jew għall-arranġament ta' kreditu minn banek jew provvedituri ta' prodotti finanzjarji oħra permezz ta' sit web jew app għal użu privat f'dawk l-aħħar 3 xhur

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Titolu tal-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Kummerċ-e	BFIN_SH1	Użu tal-Internet għal xiri jew bejgħ ta' ishma, bonds, unitajiet f'fondi jew assi finanzjarji oħra permezz ta' sit web jew app għal għanijiet privati f'dawn l-aħħar 3 xhur
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_DEM	Użu ta' termostat, meter tal-utilitajiet, dwalijiet, plugins konnessi bl-Internet jew soluzzjonijiet oħrajn konnessi bl-intenet għall-immaniġġjar tal-enerġija fid-dar tar-rispondent għal għanijiet privati
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_DSEC	Użu ta' sistemi tal-alarm tad-dar, dettetturi tad-duħħan, kameras tas-sigurtà, serraturi tal-bibien jew soluzzjonijiet oħrajn tas-sigurtà u s-sikurezza fid-dar tar-rispondent għal għanijiet privati
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_DHA	Użu ta' magni tad-dar konnessi mal-Internet bħal vacuum cleaners, friġġijiet, fornijiet, magni tal-kaffè robotiċi għal għanijiet privati
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_DVA	Użu ta' assistent virtwali fl-għamla ta' smart speaker jew app għal għanijiet privati
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_DX	Ir-rispondent ma uża l-ebda apparat konness mal-Internet għall-imaniġġjar tal-enerġija, soluzzjonijiet ta' sigurtà jew sikurezza, magni tad-dar jew assistenti virtwali għal għanijiet privati
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_BDK	Raġunjijiet għaliex ir-rispondent ma uża l-ebda apparat konness mal-Internet għall-imaniġġjar tal-enerġija, soluzzjonijiet ta' sigurtà jew sikurezza, magni tad-dar jew assistenti virtwali għal għanijiet privati – ir-rispondent ma kienx jaf li jeżistu t-tali tagħmir jew sistemi
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_BNN	Raġunjijiet għaliex ir-rispondent ma uża l-ebda apparat konness mal-Internet għall-imaniġġjar tal-enerġija, soluzzjonijiet ta' sigurtà jew sikurezza, magni tad-dar jew assistenti virtwali għal għanijiet privati - ir-rispondent ma ħtieġlux juża t-tali tagħmir jew sistemi konnessi
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_BCST	Raġunijiet għaliex ir-rispondent ma uża l-ebda apparat konness mal-Internet għall-imaniġġjar tal-enerġija, soluzzjonijiet ta' sigurtà jew sikurezza, magni tad-dar jew assistenti virtwali għal għanijiet privati - kienu jqumu wisq flus
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_BLC	Raġunjijiet għaliex ir-rispondent ma uża l-ebda apparat konness mal-Internet għall-imaniġġjar tal-enerġija, soluzzjonijiet ta' sigurtà jew sikurezza, magni tad-dar jew assistenti virtwali għal għanijiet privati – ma kinux jaqblu mat-tagħmir jew is-sistemi l-oħrajn li għandu

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Titolu tal-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_BLSK	Raġunjijiet għaliex ir-rispondent ma uża l-ebda apparat konness mal-Internet għall-imaniġġjar tal-enerġija, soluzzjonijiet ta' sigurtà jew sikurezza, magni tad-dar jew assistenti virtwali għal għanijiet privati – ma jafx juża dawk is-sistemi jew tagħmir
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_BCPP	Raġunjijiet għaliex ir-rispondent ma uża l-ebda apparat konness mal-Internet għall-imaniġġjar tal-enerġija, soluzzjonijiet ta' sigurtà jew sikurezza, magni tad-dar jew assistenti virtwali għal għanijiet privati – tħassib dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data tar-rispondent li t-tali sistemi jew tagħmir jiġġeneraw
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_BCSC	Raġunjijiet għaliex ir-rispondent ma uża l-ebda apparat konness mal-Internet għall-imaniġġjar tal-enerġija, soluzzjonijiet ta' sigurtà jew sikurezza, magni tad-dar jew assistenti virtwali għal għanijiet privati – tħassib dwar is-sikurezza (eż. li t-tagħmir jew is-sistema jiġu ħhekkjati)
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_BCSH	Raġunjijiet għaliex ir-rispondent ma uża l-ebda apparat konness mal-Internet għall-imaniġġjar tal-enerġija, soluzzjonijiet ta' sigurtà jew sikurezza, magni tad-dar jew assistenti virtwali għal għanijiet privati – tħassib dwar is-sigurta jew is-saħħa (eż. li l-użu tat-tagħmir jew is-sistema jaf iwassal għal xi inċident, korriment jew problema ta' saħħa)
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_BOTH	Ir-rispondent ma uża l-ebda apparat konness mal-Internet għall-imaniġġjar tal-enerġija, soluzzjonijiet ta' sigurtà jew sikurezza, magni tad-dar jew assistenti virtwali għal għanijiet privati – raġunijiet oħrajn
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_IUTV	Użu tal-Internet bit-TV imqabbad mal-Internet fid-dar tar-rispondent għal għanijiet privati
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_IUGC	Użu tal-Internet b'console tal-logħob imqabbad mal-Internet fid-dar tar-rispondent għal għanijiet privati
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_IUHA	Użu tal-Internet b'sistema domestika tal-awdjo jew smart speakers imqabbda mal-Internet fid-dar tar-rispondent għal għanijiet privati
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_DCS	Użu ta' arloġġ tal-idejn intelliġenti, fitness band, nuċċali jew headsets, rintraċċaturi tas-sikurezza, aċċessorji, ħwejjeġ jew żraben imqabbdin mal-Internet għal għanijiet privati

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Titolu tal-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_DHE	Użu ta' tagħmir imqabbad mal-Internet għall-monitoraġġ tal-pressjoni tad-demm, il-livell taz-zokkor, il-piż tal-ġisem (bħall-imwieżen intelliġenti) jew tagħmir ieħor imqabbad mal-Internet għall-kura medika u tas-saħħa għal għanijiet privati
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_DTOY	Użu ta' ġugarelli mqabbdin mal-Internet, bħal ġugarelli robotiċi (inklużi dawk edukattivi) jew pupi robotiċi għal għanijiet privati
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_DCAR	Użu ta' karozza b' konnessjoni tal-Internet integrata għal għanijiet privati
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_USE	Ir-rispondent uża l-Internet tal-Oġġetti
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_PSEC	Problemi ffaċċjati bit-tagħmir jew is-sistemi mqabbda mal-Internet imsemmija – problemi ta' sikurezza jew privatezza (eż. it-tagħmir jew is-sistema ġew ikkekkjati, problemi bil-protezzjoni tal-informazzjoni dwar ir-rispondent u l-familja tiegħu/tagħha ġġenerati minn dawk is-sistemi jew tagħmir)
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_PSHE	Problemi ffaċċjati bit-tagħmir jew is-sistemi mqabbda mal-Internet imsemmija – problemi ta' saħħa u sigurtà (eż. l-użu tat-tagħmir jew is-sistema wassal għal xi inċident, korriment jew problema tas-saħħa)
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_PDU	Problemi ffaċċjati bit-tagħmir jew is-sistemi mqabbda mal-Internet imsemmija – diffikultajiet bl-użu tat-tagħmir (eż. biex jiġi ssettjat, installat, imqabbad, konness ma' apparat ieħor)
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_POTH	Problemi ffaċċjati bit-tagħmir jew is-sistemi mqabbda mal-Internet imsemmija – problemi oħrajn (bħal problemi ta' konnessjoni, problemi ta' appoġġ tekniku)
	Konnessjoni mal-interjet minn kullimkien	IOT_PX	Ir-rispondent ma ffaċċjax problemi bit-tagħmir jew is-sistemi mqabbda mal-Internet imsemmija
	Effett tal-użu	ECO_DMOB	Ir-rispondent, x'għamel bil-mowbajl jew smartphone tiegħu/tagħha meta ma kellux/kellhiex aktar bżonnu jew bidlitu
	Effett tal-użu	ECO_DLT	Ir-rispondent, x'għamel bit-tablet jew laptop tiegħu/tagħha meta ma kellux/kellhiex aktar bżonnu jew bidlitu

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Titolu tal-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Effett tal-użu	ECO_DPC	Ir-rispondent, x'għamel bil-kompjuter (desktop) tiegħu/tagħha meta ma kellux/kellhiex aktar bżonnhom jew bidlithom
	Effett tal-użu	ECO_PP (Fakultattiva)	Karatteristiċi li huma meqjusa importanti mir-rispondent meta xtara/xtrat l-aktar mowbajl jew smartphone, tablet, laptop jew kompjuter desktop l-aktar riċenti tiegħu/tagħha – il-prezz (Fakultattiva)
	Effett tal-użu	ECO_PHD (Fakultattiva)	Karatteristiċi li huma meqjusa importanti mir-rispondent meta xtara/xtrat l-aktar mowbajl jew smartphone, tablet, laptop jew kompjuter desktop l-aktar riċenti tiegħu/tagħha – il-karatteristiċi tal-harddrive (ħażna, veloċità), veloċità tal-proċessur (Fakultattiva)
	Effett tal-użu	ECO_PECD (Fakultattiva)	Karatteristiċi li huma meqjusa importanti mir-rispondent meta xtara/xtrat l-aktar mowbajl jew smartphone, tablet, laptop jew kompjuter desktop l-aktar riċenti tiegħu/tagħha – disinn ekoloġiku tat-tagħmir eż. durabbli, li jista" jiġi aġġornat u msewwi, użu anqas ta' materjali; materjali ekoloġiċi fl-ippakkjar, eċċ. (Fakultattiva)
	Effett tal-użu	ECO_PEG (Fakultattiva)	Karatteristiċi li huma meqjusa importanti mir-rispondent meta xtara/xtrat l-aktar mowbajl jew smartphone, tablet, laptop jew kompjuter desktop l-aktar riċenti tiegħu/tagħha – il-possibilità li tiġi estiża ħajjet it-tagħmir billi tinxtara garanzija addizzjonali (Fakultattiva)
	Effett tal-użu	ECO_PEE (Fakultattiva)	Karatteristiċi li huma meqjusa importanti mir-rispondent meta xtara/xtrat l-aktar mowbajl jew smartphone, tablet, laptop jew kompjuter desktop l-aktar riċenti tiegħu/tagħha – l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir (Fakultattiva)
	Effett tal-użu	ECO_PTBS (Fakultattiva)	Karatteristiċi li huma meqjusa importanti mir-rispondent meta xtara/xtrat l-aktar mowbajl jew smartphone, tablet, laptop jew kompjuter desktop l-aktar riċenti tiegħu/tagħha – skema ta' ġbir lura offruta mill-manifattur jew il-bejjiegħ (jiġifieri l-manifattur jew il-bejjiegħ jirritorna t-tagħmir wara li jkun għadda żmienu bla ma jkollu jħallas aktar għal dan jew il-klijent jingħata skont biex jixtri tagħmir ieħor) (Fakultattiva)

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Titolu tal-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli
	Effett tal-użu	ECO_PX (Fakultattiva)	Karatteristiċi li huma meqjusa importanti mir-rispondent meta xtara/xtrat l-aktar mowbajl jew smartphone, tablet, laptop jew kompjuter desktop l-aktar riċenti tiegħu/tagħha – ir-rispondent ma qies l-ebda waħda mill-karatteristiċi msemmija (Fakultattiva)
	Effett tal-użu	ECO_PBX (Fakultattiva)	Karatteristiċi li huma meqjusa importanti mir-rispondent meta xtara/xtrat l-aktar mowbajl jew smartphone, tablet, laptop jew kompjuter desktop l-aktar riċenti tiegħu/tagħha – ir-rispondent qatt ma xtara l-ebda wieħed minn dawn it-tipi ta' tagħmir (Fakultattiva)